

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.11242 – EP CORPORATE GROUP / LEB / LEK)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 317/06)

1. Fil-31 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- EP Corporate Group, a.s. ("EPCG", iċ-Ċekja),
- Lausitz Energie Bergbau AG ("LEB", il-Ġermanja), ikkontrollata bi sħab minn EPCG u PPF Investments Ltd ("PPF", l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Lausitz Energie Kraftwerke AG ("LEK", il-Ġermanja), ikkontrollata bi sħab minn EPCG u PPF.

EPCG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' LEB u LEK kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- EPCG huwa attiv fl-estrazzjoni tal-faħam, fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriċità u tas-sħana, kif ukoll fil-provvista tal-elettriċità u l-gass f'diversi pajjiżi fiż-ŻEE u fir-Renju Unit,
- LEB hija attiva fil-minjieri u fil-provvista tal-linjite fil-Ġermanja,
- LEK hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriċità fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11242 – EP CORPORATE GROUP / LEB / LEK

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
